**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 116 – IT-TLIETA, 12 TA’ FRAR 2019 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 115

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Għandu jidħol punt fejn is-Sinjura Joan Farrugia tkellmet fuq id-dħul tal-entratura tal-binja tal-Gvern 5D f'Misraħ Lewża.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 115

2.1 Is-Sinjura Marica Bayliss ilmentat li intbagħtux fjuri lill-membru tal-Kunsill li kien l-isptar barra minn Malta u għall-persun li ġiet nieqsa li kienet helper tad-day centre.

## 3 Pagamenti Numru 102

3.1 Is Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil li jiġu approvati l-petty cash ta' Diċembru u Jannar.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar talba biex il-Kunsill joġġezzjona għall-applikazzjoni biex jinbnew flats fi Triq l-Istefanotis minflok dar. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma joġġezzjonax jekk din hija skont l-iskema.

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar l-entratura ta' Block 5D u r-risposta li kellna minn uffiċjal tal-Ministru responsabbli għal Housing. Is-Sindku għandu jiltaqa' maċ-Chairman tal-Awtorità tad-Djar.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġiet innutata talba fit-tribunal għal talbiet iż-żgħar għal ħsara li kien hemm meta fergħa ta' siġra waqgħet fuq karozza fil-maltemp.

5.2 Kien hemm diskussjoni dwar l-għażla għal skrivan mal-Kunsill. Kien hemm tliet applikazzjonijiet. Wara li ġew evalwati s-CVs kien hemm qbil unanimu li tintgħażel is-Sinjorina Celine Borg.

5.3 Il-Kunsilll ġie nfurmat li l-Vetcare għamel ġabra ta' 170 Ewro u ingħataw lill-Kunsill biex jintużaw għall-kura ta' stray cats. Kien hemm qbil li l-Kunsill joħroġ l-istess ammont biex ikun hemm fond għall-kura tal-istray cats.

5.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sinjura Nadia Fenech aċċett li isservi ta' DPO. Kien hemm qbil li tieħu allowance ta' 100 Ewro fix-xahar sakemm tkun qed isservi f'dan ir-rwol.

5.5 Ġie innutat ċ-ċertifikat minn Greenpak fejn il-Kunsill ġabar 42000 tap biex jiġi reċiklat. Dan iċ-ċertificat għandu jsirlu frame.

5.6 Kien hemm qbil li Identity Malta tista' tuża kamra fil-Kunsill biex tkun tista' taqdi r-residenti Ingliżi li joqogħdu f'San Ġwann biex jingħataw ID card speċjali minħabba Brexit.

5.7 Kien hemm unanimu li l-Kunsill jerġa' jagħmel il-korsijiet tar-robotika u coding għat-tfal fis-Sajf.

5.8 Ġiet innutata Ċirkolari 3/2019 dwar skema ta' skart reċiklat.

5.9 Kien hemm qbil li jinħarġu sejħiet pubbliċi għal tabelli u sinjali, Accountant, maintenance u għal handyman flimkien ma' tal-knis.

5.10 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata l-kwotazzjoni biex issir qanpiena fuq il-Kappella ta' Santa Margherita. Din il-kwotazzjoni hi ta' 5500 Ewro inkluż l-installazzjoni.

5.11 Kien hemm qbil li titqabbad kumpanija tat-tindif biex darba fil-gimgħa jkun hemm cleaner fil-Kunsill.

5.12 Ġie innutat li kien hemm appell mal-PCRB fuq tender tal-Bulky Refuse.

5.13 Kien hemm qbil dwar talba mill-Każin tal-Banda biex isiru numru ta' car washes f'Misraħ Lourdes.

5.14 Kien hemm qbil li jinxtara token għal Bonġu Bus.

5.15 Kien hemm qbil li ssir car show fis-16 ta' Ġunju. Dan jinkludi x-xiri ta' tokens u spejjeż oħra bħal barriers u oħrajn.

5.16 Wara li ġiet implimentat traffic management f'Misraħ Ċentawrija hekk kif kien propost minn TM, ġejna mitluba biex titneħħa No Right Turn li saret meta

toħroġ minn Triq Fresja għal Triq l-Istefanotis. Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-Kunsill dwar dan.

5.17 Kien hemm qbil li ssir attività f'Wied Għomor picnic area għall-istaff u l-Kunsilliera bħala team building.

5.18 Il-Kunsill ġie nfurmat dwar komunikazzjoni li kien hemm minn PA dwar fondi UIF li l-Kunsill kien ser juża għall-bini taċ-Ċentru tal-Komunità. Il-Kunsill ġie nfurmat li ttieħdu 'l fuq minn 700,000 Ewro mill-fond tal-Kunsill u kien fadal biss ftit aktar minn 350,000 Ewro. Dan ma kienx ser ikun biżżejjed biex jinbena dan iċ-ċentru. Komunikat ieħor mill-PA infurmana li din id-deċiżjoni qed tiġi rikunsidrata. Nistennew għal aktar informazzjoni.

5.19.1 Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet jekk il-bandli fi Ġnien Karin Grech hux ser isiru għax ġejja l-elezzjoni jew rispett lejn ir-residenti. Jekk hija rispett lejn ir-residenti, jien bħala Kunsillier ili nitlob li jsiru. Is-Sinjura Joan Farrugia qalet li da nil-progett ilu mwieghed mis-sena 2009.

5.19.2 Is-Sinjura Marica Bayliss irrispondiet li l-bandli ser isiru minħabba li l-Kunsill ma jistax ikompli jistenna lill-Ministeru biex jinfurmana jekk hux ser isir dan il-proġett. Ilna aktar minn sentejn nistaqsu jekk dan il-proġett hux ser issir u s'issa għadna bla risposta.

5.19.3 Is-Sindku kompla billi nforma lill-Kunsill li bagħat 4 emails li inkludiet lill-Prim Ministru u baqa' bla risposta. Għal din ir-raġuni, is-Sur Dominic Cassar ippropona li jsiru l-bandli fi Ġnien Karin Grech u x-xogħlijiet ta' manutenzjoni minnufih. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm qbil unanimu. Is-Sinjuri Joan Farrugia u Trevor Fenech ivvutaw favur għall-ġid tar-residenti minkejja li ma jaqblux mat-timing għax missu sar qabel.

## 6 Affarjiet oħra

6.1 Is-Sinjura Marica Bayliss ilmentat li t-triq quddiem il-kappella tal-Propostru tkissret wara li l-Kunsill kien għamel wiċċ ġdid. Nispera li terġa' tiġi rranġata.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.10pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar 2019 fil-5.30pm.

_________________________

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

_________________________

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**